KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.4.2005
KUMM(2005) 145 finali

2005/0055 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi dwar ħwejjeġ ċivili u kummerċjali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-għeluq tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Sfond politiku u legali

Bis-saħħa ta' Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fit-Titlu IV tat-Trattat. Minħabba f'dan, l-istrumenti tal-Komunità adottati fl-oqsma ta', fost affarijiet oħra, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ta' natura ċivili ma jorbtux lid-Danimarka u mhumiex applikabbli fiha.

Wieħed minn dawn l-istrumenti tal-Komunità huwa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali. Dan ir-Regolament ħa post il-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968 dwar l-istess tema, u d-Danimarka hija firmatarja tagħha. Ir-Regolament fih regoli riveduti u modernizzati tal-Konvenzjoni ta' Brussell, u jgħodd fl-Istati Membri kollha, ħlief fid-Danimarka peress li r-Renju Unit u l-Irlanda użaw id-dritt tagħhom li jipparteċipaw.

Il-fatt li r-Regolament 44/2001 mhux imħaddem fid-Danimarka qed joħloq sitwazzjoni legali mhux xierqa: Mhux biss id-Danimarka għadha tħaddem ir-regoli l-antiki tal-Konvenzjoni ta' Brussell, iżda l-Istati Membri l-oħra kollha jridu jħaddmu dawn l-istess regoli, jiġifieri, sett ta' regoli differenti minn dak li jużaw fir-relazzjonijiet tagħhom ta' bejniethom, meta jiġu biex jagħrfu u jinfurzaw deċiżjonijiet Daniżi. Dan huwa pass lura, meta wieħed iqis li qabel ma daħal ir-Regolament 44/2001, ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' Brussell kienu applikabbli bl-istess mod fl-Istati Membri kollha. Is-sitwazzjoni preżenti għalhekk ittellef l-uniformità u ċ-ċertezza legali tar-regoli tal-Komunità.

Id-Danimarka kemm-il darba uriet interess biex tipparteċipa fis-sistema ta' regolamenti ġodda. Wara diskussjonijiet fil-fond, il-Kummissjoni aċċettat li tinnegozja atti ta' ftehim paralleli mad-Danimarka, basta jintlaqgħu l-kundizzjonijiet li ġejjin: Soluzzjoni bħal din trid tkun waħda ta' natura mhux tas-soltu, u biss għal żmien ta' tranżizzjoni, il-parteċipazzjoni tad-Danimarka fis-sistemi tal-Komunità trid tkun għal kollox fl-interessi tal-Komunità u ċ-ċittadini tagħha, u dak li jkun mitlub mid-Danimarka irid ikun identiku għal dak mitlub mill-Istati Membri kollha, b'mod li r-regoli li jkollhom l-istess kontent ikunu mħaddma fid-Danimarka u fl-Istati Membri l-oħra kollha.

Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni rat li jkun fl-interess tal-Komunità li testendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 44/2001 kif ukoll tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 dwar il-komunikazzjoni fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi ħwejjeġ ċivili jew kummerċjali, li għandu rabta mill-qrib mar-Regolament 44/2001. Il-ftehim li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1348/2000 lid-Danimarka huwa trattat f'deċiżjoni oħra separata tal-Kunsill.

Fit-28 ta' Ġunju, 2002 il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill ħalli l-Kummissjoni tkun awtorizzata tiftaħ it-taħdidiet biex ikunu konklużi żewġ atti ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u d-Danimarka, li jestendu sew ir-Regolament 44/2001 kif ukoll ir-Regolament 1348/2000 għad-Danimarka.

Fit-8 ta' Mejju, 2003, il-Kunsill iddeċieda li, b'mod eċċezzjonali, jawtorizza lill-Kummissjoni tidħol f'taħdidiet mad-Danimarka biex tilħaq ftehim ħalli d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) 44/2001, kif ukoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1348/2000 ikunu applikabbli għad-Danimarka skond il-liġi internazzjonali.

2. Ir-Riżultati tat-Taħdidiet

Il-Kummissjoni nnegozjat il-ftehim parallel li jestendi għad-Danimarka id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi dwar ħwejjeġ ċivili u kummerċjali skond id-direttivi li ngħatawlha mill-Kunsill dwar it-taħdidiet, u qagħdet attenta li d-drittijiet u l-obbligi tad-Danimarka skond dan il-ftehim jikkorrispondu mad-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri l-oħra.

Bħala riżultat, il-ftehim parallel fih dawn id-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari:

- regoli xierqa fuq ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiġi żgurata interpretazzjoni kullimkien l-istess ta' l-istrument użat mill-ftehim parallel bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħra;

- mekkaniżmu biex id-Danimarka tkun tista' taċċetta l-emendi li għad iridu jsiru mill-Kunsill fl-istrument bażiku u l-miżuri ta' implimentazzjoni li għad iridu jiġu adottati skond l-Artikolu 202 tat-Trattat KE;

- klawżola biex il-ftehim ikun mitmum f'każ li d-Danimarka ma taċċettax emendi u miżuri ta' implimentazzjoni bħal dawn, li għad iridu jsiru;

- regoli li jispeċifikaw l-obbligi tad-Danimarka f'taħdidiet ma' pajjiżi terzi għal atti ta' ftehim dwar ħwejjeġ koperti mill-ftehim parallel;

- il-possibbiltà li l-ftehim parallel jiġi miċħud billi jingħata avviż lill-Parti Kontraenti l-oħra;

3. Konklużjonijiet

Fid-dawl ta' l-għeluq pożittiv tat-taħdidiet, il-Kummissjoni tirrakkomanda li l-Kunsill għandu jadotta ż-żewġ deċiżjonijiet li ġejjin:

L-ewwel, deċiżjoni dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali.

It-tieni, deċiżjoni dwar l-għeluq mill-Komunità Ewropea ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi dwar ħwejjeġ ċivili u kummerċjali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 61 (c) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 44/2001[2], u lanqas għandha tħaddimhom.

(2) Bid-Deċiżjoni tat-8 ta' Mejju, 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka, biex id-dispożizzjonijiet tar-Regolament hawn fuq imsemmi jiġu estiżi għad-Danimarka;

(3) Il-Kummissjoni innegozjat ftehim bħal dan, f'isem il-Komunità, mar-Renju tad-Danimarka.

(4) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda mehmuż mat-Trattat TEU u TEC, qed jipparteċipaw fl-adozzjoni u t-tħaddim ta' din id-Deċiżjoni.

(5) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll fuq imsemmi dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni u t-tħaddim ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Il-Ftehim, inizjalat fi Brussell, fis-17 ta' Jannar, 2005, għandu jiġi iffirmat.

---

[1] ĠU C [...], [...], p. [...].
[2] ĠU L 12, 16.1.2001, p.1

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu Waħdieni

Suġġett għall-possibbiltà ta' konklużjoni aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill b'dan hu awtorizzat li jaħtar il-persuna/i bis-setgħat li jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali.

Magħmula fi Brussel,

F'isem il-Kunsill
Il-President

2005/0055 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-għeluq tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali

Il-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix marbuta mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 44/20015, u lanqas għandha tħaddimhom.

(2) Il-Kummissjoni innegozjat ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka id-dispożizzjonijiet tar-Regolament fuq imsemmi.

(3) Il-Ftehim ġie iffirmat, f'isem il-Komunità Ewropea, fil-.....2005, soġġett għall-possibbiltà ta' konklużjoni aktar tard, skond id-Deċiżjoni .../...KE tal-Kunsill tal-[.....].

(4) Ir-Renju Unit u l-Irlanda, bis-saħħa ta' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda mehmuż mat-Trattat TEU u TEC, qed jipparteċipaw fl-adozzjoni u t-tħaddim ta' din id-Deċiżjoni.

(5) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll fuq imsemmi dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhix qed tipparteċipa fl-adozzjoni u t-tħaddim ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat,

---

3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].
5 ĠU L12, 16.1.2001, p.1

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 12(2) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, [...]

F'isem il-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u

r-Renju tad-Danimarka,

dwar

ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar

ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Komunità", fuq naħa, u

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

minn issa 'l quddiem imsejjaħ "id-Danimarka", fuq in-naħa l-oħra

1. XEWQANA li jgħaqqdu r-regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali u jissimplifikaw il-formalitajiet bil-ħsieb li jaslu għal għarfien rapidu u sempliċi u għall-infurzar ta' sentenzi fi ħdan il-Komunità,

2. BILLI l-Istati Membri fis-27 ta' Settembru 1968, filwaqt li mxew skond l-Artikolu 293, ir-raba' inċiż, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ikkonkludew il-Konvenzjoni ta' Brussell dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar tas-Sentenzi fi Ħwejjeġ Ċivili u Kummerċjali, kif emendat minn Konvenzjonijiet dwar l-Adeżjoni ta' l-Istati Membri l-Ġodda lil dik il-Konvenzjoni (il-"Konvenzjoni ta' Brussell")[6]. Fis-16 ta' Settembru 1998 l-Istati Membri u l-Istati ta' l-EFTA għalqu l-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Infurzar ta' Sentenzi fi Ħwejjeġ Ċivili u Kummerċjali[7], li hija Konvenzjoni parallela mal-Konvenzjoni ta' Brussell ta' l-1968.

3. BILLI l-kontenut ewlieni tal-Konvenzjoni ta' Brussell ittieħed mir-regolament tal-Kunsill Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar tas-sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjal[8] ("Ir-Regolament I ta' Brussell")

4. WAQT LI JIRREFERU għall-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka mehmuża mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka") li minnu jsegwi li r-Regolament I ta' Brussell ma għandux jorbot lil jew ikun applikabbli fid-Danimarka,

---

6 ĠU L 299, tal-31.12.1972, p. 32. ĠU L 304, tal-31.10.1978, p. 1. ĠU L 388, tal-31.12.1982, p. 1. ĠU L 285, tat-3.10.1989, p. 1. ĠU Ċ 15, tal-15.1.1997, p. 1. Għal test konsolidat, ara ĠU C 27, tas-26.1.1998, p. 1.

7 ĠU L 319, tal-25.11.1988, p. 9.

8 ĠU L 12, tas-16.1.2001, p. 1

5. WAQT LI JENFASIZZAW li soluzzjoni għas-sitwazzjoni legali mhux sodisfaċenti li tirriżulta minn differenzi fir-regoli applikabbli dwar il-ġurisdizzjoni, l-għarfien u l-infurzar tas-sentenzi fi ħdan il-Komunità għandha tinstab,

6. XEWQANA li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament I ta' Brussell, emendi futuri ta' hawnhekk u l-miżuri ta' implimentazzjoni relatati miegħu għandhom skond il-liġi internazzjonali japplikaw għar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-fatt li d-Danimarka hija Stat Membru li għandha pożizzjoni speċjali fir-rigward tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

7. WAQT LI JENFASSIZZAW li l-kontinwità bejn il-Konvenzjoni ta' Brussell u dan il-Ftehim għandha tkun żgurata, u li dispożizzjonijiet tranżitorji bħal dawk fir-Regolament I ta' Brussell għandhom jiġu applikati wkoll għal dan il-ftehim. L-istess ħtieġa għal kontinwità tapplika fir-rigward ta' l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u l-Protokoll ta' l-1971[9] li għandu wkoll jibqa' applikabbli għal każijiet li jinsabu diġà pendenti meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ,

8. WAQT LI JENFASIZZAW li l-Konvenzjoni ta' Brussell tibqa' wkoll tapplika għat-territorji ta' l-Istati Membri li jaqgħu fil-firxa territorjali ta' dik il-Konvenzjoni u li huma esklużi minn dan il-Ftehim,

9. WAQT LI JENFASIZZAW l-importanza ta' koordinazzjoni xierqa bejn il-Komunità u d-Danimarka fir-rigward tan-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali li jistgħu jaffetwaw jew ibiddlu l-firxa tar-Regolament I ta' Brussell,

10. WAQT LI JENFASIZZAW li d-Danimarka għandha tfittex li tingħaqad f'atti ta' ftehim li tkun ikkonkludiet il-Komunità li fihom il-parteċipazzjoni Daniża tkun rilevanti għall-applikazzjoni koerenti tar-Regolament I ta' Brussell u ta' dan il-Ftehim,

11. WAQT LI JISTQARRU li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandha jkollha ġurisdizzjoni sabiex tiżgura l-applikazzjoni uniformi u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament I ta' Brussell u kwalunkwe miżuri Komunitarji ta' twettiq li jiffurmaw parti minn dan il-Ftehim,

12. WAQT LI JIRREFERU għall-ġurisdizzjoni mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej skond l-Artikolu 68(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li tagħti deċiżjonijiet dwar mistoqsijiet preliminari rigward il-validità u l-interpretazzjoni ta' atti ta' l-istituzzjoniiet tal-Komunità bbażati fuq it-Titolu IV tat-Trattat, inkluża l-validità u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, u dwar iċ-ċirkostanza li din id-dispożizzjoni ma torbotx lil u mhijiex applikabbli għad-Danimarka, kif jirriżulta mill-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka,

13. WARA LI KKUNSIDRAW li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni taħt l-istess kundizzjonijiet sabiex tagħti deċiżjonijiet preliminari fuq mistoqsijiet dwar il-validità u l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim

---

[9] ĠU L 204, tat-2.8.1975, p. 28, ĠU L 304, tat-30.10.1978, p. 1, ĠU L 388, tal-31.12.1982, p. 1, ĠU L 285, tat-3.10.1989, p. 1, ĠU Ċ 15, tal-15.1.1997, p. 1. Għal test konsolidat, ara ĠU C 27, tas-26.1.1998, p. 28.

imqajma minn qorti jew tribunal Daniż/a, u li għaldaqstant il-qrati jew it-tribunali Daniżi għandhom jitolbu li jingħataw deċiżjonijiet preliminari taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-qrati u t-tribunali ta' Stati Membri oħra rigward l-interpretazzjoni tar-Regolament I ta' Brussell u l-miżuri tat-twettiq tiegħu,

14. WAQT LI JIRREFERU għad-dispożizzjoni li, skond l-Artikolu 68(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni ta' atti ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità fuq il-bażi tat-Titolu IV tat-Trattat, inkluża l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, u ċ-ċirkostanza li din id-dispożizzjoni ma torbotx lil u mhijiex applikabbli għad-Danimarka, kif jirriżulta mill-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka

15. WARA LI KKUNSIDRAW li d-Danimarka għandha, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal Stati Membri oħra fir-rigward tar-Regolament I ta' Brussell u l-miżuri ta' twettiq tiegħu, tingħata l-fakultà li titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sabiex tagħti deċiżjonijiet dwar mistoqsijiet rigward l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim,

16. WAQT LI JENFASIZZAW li skond il-liġi Daniża il-qrati fid-Danimarka għandhom - meta jinterpretaw dan il-Ftehim inklużi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament I ta' Brussell dwar kwalunkwe miżuri Komunitarji ta' twettiq li jiffurmaw parti minn dan il-Ftehim - jikkunsidraw id-deċiżjonijiet li jiffurmaw parti mill-ġurisprudenza sew tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej kif ukoll tal-qrati ta' l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej dwar id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussell, ir-Regolament I ta' Brussell u kwalunkwe miżuri Komunitarji ta' twettiq tiegħu,

17. WARA LI KKUNSIDRAW li għandu jkun possibbli li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tintalab tagħti deċiżjonijiet rigward kwistjonijiet ta' konformità ma' l-obbligi taħt dan il-Ftehim skond id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li jiggvernaw il-proċeduri fil-Qorti,

18. BILLI, skond l-Artikolu 300(7) tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea, dan il-Ftehim jorbot lill-Istati Membri; jixraq għalhekk li d-Danimarka, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità minn xi Stat Membru, tkun tista' tirreferi għall-Kummissjoni bħala dik inkarigata mill-ħarsien tat-Trattat,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Għan

1. L-għan ta' dan il-Ftehim huwa li japplika d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar tas-sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali ("Ir-Regolament I ta' Brussell") u l-miżuri ta' twettiq tiegħu għar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u d-Danimarka, skond l-Artikolu 2(1).

2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom l-għan li jilħqu applikazzjoni u interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament I ta' Brussell u l-miżuri ta' twettiq tiegħu fl-Istati Membri kollha.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 3(1), 4(1) u 5(1) ta' dan il-Ftehim jirriżultaw mill-Protokoll fuq il-pożizzjoni tad-Danimarka.

ARTIKOLU 2

Il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali

1. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament I ta' Brussell, li huwa mehmuż ma' dan il-Ftehim u jifforma parti minnu, flimkien mal-miżuri ta' twettiq tiegħu li ġew adottati skond l-Artikolu 74(2) tar-Regolament u - fil-każ ta' miżuri ta' twettiq adottati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim - implimentati mid-Danimarka kif jissemma' fl-Artikolu 4 ta' dan il-Ftehim, u l-miżuri adottati skond l-Artikolu 74(1) ta' dan ir-Regolament, taħt il-liġi internazzjonali japplikaw għar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u d-Danimarka.

2. Minkejja dan, għall-għanijiet ta' dan il-Ftehim, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament għandha tinbidel kif ġej:

(a) L-Artikolu 1(3) ma għandux japplika.

(b) L-Artikolu 50 għandu jiġi supplimentat bil-paragrafu li jmiss (bħala l-paragrafu 2): "2. Madankollu, applikant li jitlob l-infurzar ta' deċiżjoni mogħtija minn awtorità amministrattiva fid-Danimarka fir-rigward ta' ordni ta' manteniment jista', fl-Istat Membru indirizzat, jagħmel talba għall-benefiċċji li ssemmew fl-ewwel paragrafu jekk jippreżenta dikjarazzjoni mill-Ministeru tal-Ġustizzja Daniż li tgħid li jilħaq il-kondizzjonijiet finanzjarji mitluba sabiex jikkwalifika għall-għotja ta' għajnuna sħiħa jew parzjali jew għall-eżenzjoni mill-ispejjeż jew in-nefqa."

(c) L-Artikolu 62 għandu jiġi supplimentat mill-paragrafu li jmiss (bħala l-paragrafu 2):
"2. Fi ħwejjeġ relatati mal-manteniment, l-espressjoni 'il-qorti' tinkludi l-awtoritajiet amministrattivi Daniżi."

(d) L-Artikolu 64 għandu japplika għal vapuri ta' tbaħħir irreġistrati fid-Danimarka kif ukoll fil-Greċja u l-Portugall.

(e) Id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandha tapplika minflok id-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament imsemmi fl-Artikoli 70(2), 72 u 76 tiegħu.

(f) Id-dispożizzjonijiet tranżitorji ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw minflok l-Artikolu 66 tar-Regolament.

(g) Fl-Anness I għandu jiżdied dan li ġej: "fid-Danimarka: l-Artikolu 246(2) u (3) ta' l-Att ta' l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja(*lov om rettens pleje*)".

(h) Fl-Anness II għandu jiżdied dan li ġej:"fid-Danimarka, il-'*byret*'".

(i) Fl-Anness III għandu jiżdied dan li ġej:"fid-Danimarka, il-'*landsret*'".

(j) Fl-Anness IV għandu jiżdied dan li ġej: "fid-Danimarka, appell lil '*Højesteret*' bil-permess tal-'*Procesbevillingsnævnet*'".

ARTIKOLU 3

Emendi lir-Regolament I ta' Brussell

1. Id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' emendi għar-Regolament I ta' Brussell u l-ebda emenda ta' dan it-tip ma tkun torbot lil jew tapplika għad-Danimarka.

2. Kull meta jiġu adottati emendi għar-Regolament id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk twettaqx jew le il-kontenut ta' dawn l-emendi. In-notifika għandha tingħata fid-data ta' l-adozzjoni ta' l-emendi jew fi żmien 30 jum minn dik id-data.

3. Jekk id-Danimarka tiddeċiedi li se twettaq il-kontenut ta' l-emendi n-notifika għandha tindika jekk it-twettiq jistax isir amministrattivament jew jekk jeħtiġlux il-kunsens tal-parlament.

4. Jekk in-notifika tindika li t-twettiq jista' jseħħ amministrattivament, in-notifika għandha, barra minn hekk, tistqarr li l-miżuri amministrattivi kollha meħtieġa jidħlu fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-emendi għar-Regolament jew li daħlu fis-seħħ fid-data tan-notifika, skond liema tkun l-aktar reċenti.

5. Jekk in-notifika tindika li t-twettiq jeħtieġlu l-kunsens tal-parlament fid-Danimarka, ikunu japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) Miżuri leġiżlattivi fid-Danimarka għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-emendi għar-Regolament jew fi żmien 6 xhur wara n-notifika, skond liema tkun l-aktar reċenti;

(b) Id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-data li fiha l-miżuri ta' twettiq leġiżlattivi jidħlu fis-seħħ.

6. Notifika Daniża li l-kontenut ta' l-emendi twettaq fid-Danimarka, cf il-paragrafi 4 u 5, toħloq obbligi rispettivi taħt il-liġi internazzjonali bejn id-Danimarka u l-Komunità. L-emendi għar-Regolament imbagħad ikunu jikkostitwixxu emendi għal dan il-Ftehim u jitqiesu li huma annessi miegħu.

7. Fil-każ li:

(a) Id-Danimarka tinnotifika d-deċiżjoni tagħha li ma twettaqx il-kontenut ta' l-emendi; jew

(b) Id-Danimarka ma tagħmilx notifika fil-limitu ta' żmien ta' 30 jum stipulat fil-paragrafu 2; jew

(c) Il-miżuri leġiżlattivi fid-Danimarka ma jidħlux fis-seħħ fil-limitu ta’ żmien stipulat fil-paragrafu 5;

dan il-Ftehim jitqies li jkun inġieb fi tmiemu sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor fi żmien 90 jum jew, fil-qagħda msemmija f'c, sakemm ma jidħlux fis-seħħ fl-istess perjodu miżuri leġiżlattivi fid-Danimarka. It-tmiem iseħħ 3 xhur wara li jiskadi l-perjodu ta' 90 jum.

8. Proċeduri legali li inħolqu u dokumenti li tfasslu b’mod formali jew li ġew irreġistrati bħala għodod awtentiċi qabel id-data ta’ tmiem tal-Ftehim kif stipulat fil-paragrafu 7 mhumiex hawnhekk affetwati.

ARTIKOLU 4

Il-miżuri ta' twettiq

1. Id-Danimarka ma għandhiex tieħu sehem fl-adozzjoni ta' fehmiet mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 75 tar-Regolament I ta' Brussell. Miżuri ta’ twettiq adottati skond l-Artikolu 74(2) ma jorbtux lil u mhumiex applikabbli għad-Danimarka.

2. Kull meta jiġu adottati miżuri ta' twettiq skond l-Artikolu 74(2) tar-Regolament, il-miżuri ta' twettiq jiġu kkomunikati lid-Danimarka. Id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha dwar jekk timplimentax jew le l-kontenut tal-miżuri ta' twettiq In-notifika għandha tingħata fid-data meta tasal il-komunikazzjoni tal-miżuri ta' twettiq jew fi żmien 30 jum wara dik id-data.

3. In-notifika għandha tistqarr li l-miżuri amministrattivi kollha meħtieġa fid-Danimarka jidħlu fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri ta' twettiq jew li jkunu daħlu fis-seħħ fid-data tan-notifika, skond liema tkun l-aktar reċenti.

4. Notifika Daniża li l-kontenut tal-miżuri ta' twettiq ikun ġie implimentat fid-Danimarka taħt il-liġi internazzjonali toħloq obbligi reċiproċi taħt il-liġi internazzjonali bejn id-Danimarka u l-Komunità. Il-miżuri ta' twettiq imbagħad se jiffurmaw parti minn dan il-Ftehim.

5. Fil-każ li:

(a) id-Danimarka tinnotifika d-deċiżjoni tagħha li ma timplimentax il-kontenut tal-miżuri ta’ twettiq; jew

(b) Id-Danimarka ma tagħmilx notifika fil-limitu ta’ żmien ta’ 30 jum stipulat fil-paragrafu 2;

dan il-Ftehim jitqies li jkun inġieb fi tmiemu sakemm il-partijiet ma jiddeċidux mod ieħor fi żmien 90 jum. It-tmiem iseħħ 3 xhur wara li jiskadi l-perjodu ta' 90 jum.

6. Proċeduri legali li nħolqu u dokumenti li tfasslu b’mod formali jew li ġew irreġistrati bħala għodod awtentiċi qabel id-data ta’ tmiem tal-Ftehim kif stipulat fil-paragrafu 5 mhumiex hawnhekk affetwati.

7. Jekk f'każijiet eċċezzjonali t-twettiq ikun jeħtieġlu l-kunsens tal-parlament fid-Danimarka, in-notifika Daniża skond il-paragrafu 2 għandha tindika dan u jkunu jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(5)–(8).

8. Id-Danimarka għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bit-testi li jemendaw il-punti stipulati fl-Artikolu 2(2)(f)-(i) ta' dan il-Ftehim. Il-Kummissjoni għandha tadatta l-Artikolu 2(2)(f)-(i) skond dan.

ARTIKOLU 5

Atti ta' ftehim internazzjonali li jaffetwaw il-Ftehim

1. Atti ta' ftehim internazzjonali li tidħol għalihom il-Komunità msejsa fuq ir-regoli tar-Regolament I ta' Brussell ma jorbtux lil u mhumiex applikabbli għad-Danimarka

2. Id-Danimarka żżomm lura milli tidħol għal atti ta' ftehim internazzjonali li jistgħu jaffettwaw jew jibdlu l-ambitu tar-Regolament I ta' Brussell kif anness ma' dan il-Ftehim sakemm dan ma jsirx bi qbil mal-Komunità u sakemm ma jkunux saru arranġamenti sodisfaċenti rigward ir-relazzjoni bejn dan il-Ftehim u l-ftehim internazzjonali kkonċernat.

3. Fin-negozjar ta' atti ta' ftehim internazzjonali li jistgħu jaffettwaw jew jibdlu l-ambitu tar-Regolament I ta' Brussell kif anness ma' dan il-Ftehim, id-Danimarka għandha tikkoordina l-pożizzjoni tagħha mal-Komunità u żżomm lura mit-teħid ta' kwalunkwe azzjoni li tkun tista' tipperikola l-miri ta' pożizzjoni tal-Komunità fl-isfera ta' kompetenza tagħha f'negozjati simili

ARTIKOLU 6

Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej rigward l-interpretazzjoni tal-Ftehim

1. Fejn titqajjem mistoqsija dwar il-validità jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim waqt kawża pendenti quddiem qorti jew tribunal Daniż/a, il-qorti jew tribunal ikkonċernat/a jitlob/titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni fuq din il-mistoqsija kull meta taħt l-istess ċirkostanzi qorti jew tribunal ta' Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea jkun jeħtieġlu/jeħtiġilha li tagħmel dan fir-rigward tar-Regolament I ta' Brussell u tal-miżuri ta' twettiq imsemmija fl-Artikolu 2(1)

2. Skond il-liġi Daniża, il-qrati fid-Danimarka għandhom, meta jinterpretaw dan il-Ftehim, jikkunsidraw id-deċiżjonijiet li jiffurmaw parti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussell u kwalunkwe miżura Komunitarja ta' twettiq.

3. Id-Danimarka tista', bħalma jistgħu l-Kunsill, il-Kummissjoni u kwalunkwe Stat Membru, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim. Id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja bi tweġiba għal talba bħal din ma tkunx tapplika għall-ġudizzji ta' qrati jew tribunali fl-Istati Membri li jkunu saru res judicata.

4. Id-Danimarka jkollha d-dritt li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet meta tkun saritilha mistoqsija minn qorti jew tribunal ta' Stat Membru għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1).

5. Il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regoli ta' Proċedura tagħha għandhom japplikaw.

6. Jekk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxu l-Komunità Ewropea dwar deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu emendati b'tali mod li jkun hemm konsegwenzi fir-rigward ta' deċiżjonijiet fuq ir-Regolament I ta' Brussell, id-Danimarka tista' tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li ma tapplikax l-emendi skond dan il-Ftehim. In-notifika għandha tingħata fid-data ta' dħul fis-seħħ ta' l-emendi jew fi żmien 60 jum minn dik id-data.

   F'każ bħal dan, dan il-Ftehim jitqies li jkun ġie mitmum. It-tmiem iseħħ 3 xhur wara d-data tan-notifika.

7. Proċeduri legali li nħolqu u dokumenti li tfasslu b'mod formali jew li ġew irreġistrati bħala għodod awtentiċi qabel id-data ta' tmiem tal-Ftehim kif stipulat fil-paragrafu 6 mhumiex hawnhekk affetwati.

ARTIKOLU 7

Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej rigward il-konformità ma' dan il-Ftehim

1. Il-Kummissjoni tista' tiftaħ kawżi kontra d-Danimarka quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja dwar nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe obbligu ta' dan il-Ftehim.

2. Id-Danimarka tista' tressaq ilment lill-Kummissjoni dwar nuqqas ta' konformità min-naħa ta' Stat Membru ma' l-obbligi tiegħu skond dan il-Ftehim.

3. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li jiggvernaw il-proċeduri fil-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regoli ta' Proċedura tagħha għandhom japplikaw.

ARTIKOLU 8

L-applikazzjoni territorjali

1. Dan il-Ftehim għandu japplika fit-territorji msemmija fl-Artikolu 299 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

2. Jekk il-Komunità tiddeċiedi li testendi l-applikazzjoni tar-Regolament I ta' Brussell għal territorji li bħalissa huma ggvernati mill-Konvenzjoni ta' Brussell, il-Komunità u d-Danimarka għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li din it-tip ta' applikazzjoni testendi wkoll għad-Danimarka.

ARTIKOLU 9

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan il-Ftehim għandu japplika biss għal proċeduri legali li nħolqu u dokumenti li tfasslu b' mod formali jew li huma rreġistrati bħala għodod awtentiċi wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

2. Minkejja dan, jekk il-proċeduri fl-Istat Membru ta' oriġini ngħataw bidu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, deċiżjonijiet li ngħataw wara dik id-data għandhom ikunu rikonoxxuti u infurzati skond dan il-Ftehim,

   (a) jekk il-proċeduri fl-Istat Membru ta' oriġini ngħataw bidu wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Brussell jew ta' Lugano kemm fl-Istat Membru ta' oriġini kif ukoll fl-Istat Membru indirizzat;

   (b) fil-każijiet l-oħra kollha, jekk il-ġurisdizzjoni kienet imsejsa fuq regoli li kienu jaqblu ma dawk previsti jew f'dan il-Ftehim inkella f'konvenzjoni konkluża bejn l-Istat Membru ta' oriġini u l-Istat Membru indirizzat li kienu fis-seħħ meta ngħataw bidu l-proċeduri.

ARTIKOLU 10

Relazzjoni mar-Regolament I ta' Brussell

1. Dan il-Ftehim ma għandux jippreġudika l-applikazzjoni minn Stati Membri tal-Komunità tar-Regolament I ta' Brussell minbarra d-Danimarka.

2. Minkejja dan, dan il-Ftehim għandu fi kwalunkwe każ jiġi applikat:

   (a) fi ħwejjeġ ta' ġurisdizzjoni, meta l-konvenut għandu domiċilju fid-Danimarka, jew fejn l-Artikolu 22 jew 23 tar-Regolament, li huma applikabbli għar-relazzjonijiet bejn il-Komunità u d-Danimarka skond l-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, jagħti ġurisdizzjoni lill-qrati tad-Danimarka;

   (b) fir-rigward ta' lis pendens jew ta' azzjonijiet relatati kif previst fl-Artikoli 27 u 28 tar-Regolament I ta' Brussell, li huwa applikabbli għar-relazzjoniiet bejn il-Komunità u d-Danimarka skond l-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, meta l-proċeduri jingħataw bidu fi Stat Membru apparti d-Danimarka u fid-Danimarka;

   (c) fi ħwejjeġ ta' għarfien u infurzar, fejn id-Danimarka hija jew l-Istat ta' oriġini jew l-Istat indirizzat.

ARTIKOLU 11

Sabiex jintemm il-ftehim

1. Dan il-Ftehm jinġieb fi tmiemu jekk id-Danimarka tgħarraf lill-Istati Membri l-oħra li ma tkunx trid tagħmel użu aktar mid-dispożizzjonijiet tal-Parti I tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, cf. l-Artikolu 7 ta' dak il-Protokoll.

2. Dan il-Ftehim jista' jiġi mitmum billi wieħed mill-Partijiet Kontraenti jinnotifika lill-Parti Kontraenti l-oħra. It-tmiem iseħħ sitt xhur wara d-data ta' din in-notifika.

3. Proċeduri legali li nħolqu u dokumenti li tfasslu b'mod formali jew li ġew irreġistrati bħala għodod awtentiċi qabel id-data ta' tmiem tal-Ftehim kif stipulat fil-paragrafu 2 jew 3 mhumiex hawnhekk affetwati.

ARTIKOLU 12

Dħul fis-seħħ

1. Il-Ftehim għandu jiġi adottat mill-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt xahar wara n-notifika mill-Partijiet Kontraenti li jkunu temmew il-proċeduri rispettivi meħtieġa għal dan il-għan.

ARTIKOLU 13

Awtentiċità tat-testi

Dan il-Protokoll huwa mfassal f'kopji bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovena, Slovakka, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, b'kull wieħed minn dawk it-testi jkun awtentiku.

Anness

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar tas-sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1496/2002 tal-21 ta' Awwissu 2002 li jemenda l-Anness I (ir-regoli tal-ġurisdizzjoni msemmija fl-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 4(2) u l-Anness II (il-lista tal-qrati u awtoritajiet kompetenti) lir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali u bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1937/2004 tad-9 ta' Novembru 2004 li jemenda l-Annessi I, II, III u IV għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi ħwejjeġ ċivili u kummerċjali.